



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' jannar 2019  
(OR. en)

15579/1/18  
REV 1

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2018/0410 (NLE)

---

FRONT 453  
COWEB 180

#### **ATTI LEġISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja

---

FTEHIM DWAR L-ISTATUS  
BEJN L-UNJONI EWROPEA  
U R-REPUBBLIKA TAS-SERBJA

DWAR AZZJONIJIET IMWETTQA MILL-AĠENZIJA EWROPEA

GĦALL-GWARDJA TAL-FRUNTIERA U TAL-KOSTA FIR-REPUBBLIKA TAS-SERBJA

L-UNJONI EWROPEA,

minn naħħa waħda, u

IR-REPUBBLIKA TAS-SERBJA,

min-naħħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem flimkien imsejħa "il-Partijiet",

BILLI jistgħu jinħolqu sitwazzjonijiet fejn l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta tikkoordina kooperazzjoni operattiva bejn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja, inkluż fit-territorju tar-Repubblika tas-Serbja,

BILLI jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas legali fil-forma ta' ftehim dwar l-i-status għas-sitwazzjonijiet fejn il-membri tat-tim tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta ikollhom setgħat eżekutivi fit-territorju tar-Repubblika tas-Serbja,

BILLI l-Partijiet ser jikkunsidraw kif xieraq id-dikjarazzjonijiet annessi ma' dan il-Ftehim,

B'KUNSIDERAZZJONI tal-fatt li l-azzjonijiet kollha tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta fit-territorju tar-Repubblika tas-Serbja jenħtieġ li jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali,

**IDDEĊIDEW LI JIKKONKLUDU DAN IL-FTEHIM:**

## ARTIKOLU 1

### Kamp ta' applikazzjoni

1. Il-Ftehim għandu jkopri l-aspetti kollha tal-kooperazzjoni bejn ir-Repubblika tas-Serbja u l-Aġenzija fit-twettiq ta' azzjonijiet mill-Aġenzija li jistgħu jsiru fit-territorju tar-Repubblika tas-Serbja fejn il-membri tat-tim tal-Aġenzija jista' jkollhom setgħat eżekuttivi.
2. Il-Ftehim ma jestendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni<sup>1</sup> (“il-Ftehim dwar ir-Riammissjoni bejn il-KE u s-Serbja”). Fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' ritorn kif definit fil-punt (d) tal-Artikolu 2, dan il-Ftehim jikkonċerna biss l-għoti ta' sostenn operazzjonali għal operazzjonijiet ta' ritorn li jitwettqu skont il-Ftehim dwar ir-Riammissjoni bejn il-KE u s-Serbja.
3. Dan il-Ftehim għandu jkopri r-Repubblika tas-Serbja. Dan il-Ftehim ma għandux ikopri l-Kosovo\*.

---

<sup>1</sup> ĠU UE L 334, 19.12.2007, p. 46.

\* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

## Artikolu 2

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “azzjoni” tfisser operazzjoni konġunta, intervent rapidu fil-fruntiera jew operazzjoni ta’ ritorn;
- (b) “operazzjoni konġunta” tfisser kwalunkwe azzjoni li għandha l-għan li tindirizza l-immigrazzjoni illegali jew kriminalità transfruntiera jew li għandha l-għan li tipprovdi aktar assistenza teknika u operazzjonali fil-fruntieri esterni ta’ Stat Membru ġar tar-Repubblika tas-Serbja u mwettqa fit-territorju tar-Repubblika tas-Serbja;
- (c) “intervent rapidu fil-fruntiera” tfisser azzjoni li għandha l-għan li tindirizza b’mod rapidu sitwazzjoni b’diffikultajiet spċifici u sproporzjonati fil-fruntieri tar-Repubblika tas-Serbja li jmissu Stat Membru u mwettqa fit-territorju tar-Repubblika tas-Serbja għal perjodu limitat ta’ żmien;
- (d) “operazzjoni ta’ ritorn” tfisser operazzjoni li tkun koordinata mill-Aġenzija u li tinvolfi rinforz tekniku u operazzjonali li jiġi pprovdut minn Stat Membru wieħed jew aktar fejn persuni rimpatrijati minn Stat Membru wieħed jew aktar fuq bażi furzata jew fuq bażi volontarja lejn ir-Repubblika tas-Serbja f’konformità mal-Ftehim dwar ir-Riammissjoni bejn il-KE u s-Serbja;

- (e) “kontroll tal-fruntieri” tfisser il-kontroll ta’ persuni, dokumenti tal-ivvjaġġar, mezzi tat-transport u oġġetti li jinġarru meta tinqasam fruntiera ta’ stat, li jikkonsisti f’verifikasi fuq il-fruntieri fil-punti tal-qsim tal-fruntieri u s-sorveljanza tal-fruntieri bejn il-punti tal-qsim tal-fruntieri;
- (f) “membru ta’ tim” tfisser membru tal-personal tal-agensija jew inkella membru ta’ tim ta’ gwardji tal-fruntiera u personal rilevanti ieħor minn Stati Membri parteċipanti, inklużi gwardji tal-fruntiera u personal rilevanti ieħor li jkunu ssekondati mill-Istati Membri mal-agensija biex jiġu skjerati matul azzjoni;
- (g) “Stat Membru” tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;
- (h) “Stat Membru ta’ domiċilju” tfisser l-Istat Membru li tiegħu membru ta’ tim ikun gwardja tal-fruntiera jew membru rilevanti ieħor tal-personal;
- (i) “data personali” tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma’ persuna fiżika identifikata jew identifikabbli; persuna fiżika identifikabbli hija persuna li tkun tista’ tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b’mod partikolari b’referenza għal xi identifikatur bħal isem, numru ta’ identifikazzjoni, jiġifieri n-numru ta’ identifikazzjoni uniku ta’ ċittadini, data ta’ lokalizzazzjoni, identifikatur online jew karakteristika jew karatteristiċi speċifiċi għall-identità fiżika, fiżjoloġika, ġenetika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali ta’ dik il-persuna fiżika;
- (j) “Stat Membru parteċipanti” tfisser Stat Membru li jipparteċipa f’azzjoni fir-Repubblika tas-Serba billi jipprovd tagħmir tekniku, gwardji tal-fruntieri u personal rilevanti ieħor skjerat bħala parti mit-tim;

- (k) “Aġenzija” tħisser l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta stabbilita permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004<sup>1</sup>.

### ARTIKOLU 3

#### Bidu ta' azzjoni

1. L-inizjattiva biex tinbeda azzjoni tista' tiġi proposta lill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tas-Serbja mill-Aġenzija. L-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tas-Serbja jistgħu jitkolbu lill-Aġenzija biex tikkunsidra l-bidu ta' azzjoni.
2. It-twettiq ta' azzjoni teħtieġ il-kunsens kemm tal-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tas-Serbja kif ukoll tal-Aġenzija.

---

<sup>1</sup> Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1624 tas-26 ta' Ottubru 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Frontieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1).

## ARTIKOLU 4

### Pjan operazzjonali

1. Għal kull operazzjoni konġunta jew intervent rapidu fil-fruntiera għandu jintlaħaq ftehim dwar pjan operazzjonali konġunt bejn l-Aġenzija u r-Repubblika tas-Serbja. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżgura li l-Artikolu 54(3) tar-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> jiġi rrispettata.
2. Il-pjan operazzjonali konġunt għandu jistabbilixxi fid-dettall l-organizzazzjoni u l-aspetti proċedurali tal-operazzjoni konġunta jew tal-intervent rapidu fil-fruntiera, inkluż̚ deskrizzjoni u valutazzjoni tas-sitwazzjoni, l-għan u l-objettivi operazzjonali, it-tip ta' tagħmir tekniku li għandu jintuża, il-pjan ta' implementazzjoni, il-kooperazzjoni ma' pajiżi terzi oħra, Aġenziji u korpi oħrajn tal-Unjoni Ewropea jew organizzazzjonijiet internazzjonali, id-dispożizzjonijiet fir-rigward tad-drittijiet fundamentali inkluż̚ il-protezzjoni tad-data personali, l-istruttura ta' koordinazzjoni, kmand, kontroll, komunikazzjoni u rapportar, l-arranġamenti organizzattivi u loġistiċi, l-evalwazzjoni u l-aspetti finanzjarji tal-operazzjoni konġunta jew tal-intervent rapidu fil-fruntiera. L-evalwazzjoni tal-operazzjoni konġunta jew tal-intervent rapidu fil-fruntiera għandha titwettaq b'mod konġunt mill-awtorità kompetenti tar-Repubblika tas-Serbja u mill-Aġenzija.

---

<sup>1</sup> Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Frontiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1).

## ARTIKOLU 5

### Kompiti u setgħat tal-membri tat-tim

1. Il-membri tat-tim għandu jkollhom l-awtorità li jwettqu l-kompli u jeżerċitaw is-setgħat eżekkutivi meħtieġa għall-kontroll tal-fruntieri u għall-operazzjonijiet ta' ritorn.
2. Il-membri tat-tim għandhom jirrispettaw il-leġislazzjoni nazzjonali tar-Repubblika tas-Serbja.
3. Il-membri tat-tim jistgħu jwettqu l-kompli u jeżerċitaw is-setgħat fit-territorju tar-Repubblika tas-Serbja biss fuq struzzjonijiet mill-gwardji tal-fruntiera jew uffiċjali oħra tal-pulizija tar-Repubblika tas-Serbja, u fil-preżenza tagħhom. L-awtorità kompetenti tar-Repubblika tas-Serbja għandha, fejn xieraq, tagħti struzzjonijiet lit-tim skont il-pjan operazzjonali. L-awtorità kompetenti tar-Repubblika tas-Serbja tista' tawtorizza l-membri tat-tim biex jaġixxu f'isimha sakemm ir-responsabbiltà ġenerali u funzjonijiet ta' kmand u ta' kontroll jibqgħu f'idejn il-gwardji tal-fruntiera jew uffiċjali tal-pulizija oħrajn tar-Repubblika tas-Serbja li jkunu preżenti f'kull ħin.

L-Aġenzija, permezz tal-uffiċjal tal-koordinazzjoni tagħha, tista' tikkomunika l-opinjonijiet tagħha lill-awtorità kompetenti tar-Repubblika tas-Serbja dwar l-istruzzjonijiet mogħtija lit-tim. F'dak il-każ, l-awtorità kompetenti tar-Repubblika tas-Serbja għandha tikkunsidra dawn il-fehmiet u ssegwihom sa fejn ikun possibbli.

F'każijiet fejn l-istruzzjonijiet maħruġa lit-tim ma jkunux konformi mal-pjan operazzjonali, l-uffiċjal tal-koordinazzjoni għandu jirrapporta immedjatament għand id-direttur eżekkutiv tal-Aġenzija. Id-direttur eżekkutiv jiġi jieħu miżuri xierqa, inkluża s-sospensjoni jew it-terminazzjoni ta' azzjoni.

4. Il-membri tat-tim għandhom jilbsu l-uniformi tagħhom waqt li jkunu qed iwettqu l-kompli u jeżerċitaw is-setgħat tagħhom. Huma għandhom tal-anqas jilbsu identifikazzjoni personali u faxxa tal-idejn blu bl-insinji tal-Unjoni Ewropea u tal-Aġenzija b'mod viżibbli. Għall-finijiet ta' identifikazzjoni fil-konfront tal-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tas-Serbja, il-membri tat-timijiet għandhom iġorru magħħom id-dokument ta' akkreditazzjoni msemmi fl-Artikolu 8 f'kull ħin.

5. Waqt li jkunu qegħdin iwettqu l-kompli u jeżerċitaw is-setgħat tagħhom, il-membri tat-tim jistgħu jġorru armi, munizzjon u tagħmir tas-servizz kif awtorizzat skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru ta' domiċilju. Qabel ma jseħħ l-iskjerament tal-membri tat-tim, ir-Repubblika tas-Serbja għandha tinforma lill-Aġenzija dwar l-armi, il-munizzjon u t-tagħmir tas-servizz permissibbli u dwar il-kundizzjonijiet għall-użu tagħhom. L-Aġenzija għandha tippreżenta minn qabel lill-awtorità kompetenti tar-Repubblika tas-Serbja l-lista ta' armi tas-servizz tal-membri tat-tim, jiġifieri l-informazzjoni dwar it-tip u n-numru tas-serje tal-armi u t-tip u l-kwantità ta' munizzjon.

6. Waqt li jkunu qed iwettqu l-kompli u jeżerċitaw is-setgħat tagħhom, il-membri tat-tim għandhom ikunu awtorizzati jużaw il-forza, inkluż l-armi, il-munizzjon u tagħmir tas-servizz, bil-kunsens tal-Istat Membru ta' domiċilju u tar-Repubblika tas-Serbja, fil-preżenza ta' gwardji tal-fruntiera jew uffiċjali oħra tal-pulizija tar-Repubblika tas-Serbja u f'konformità mal-liġi nazzjonali tar-Repubblika tas-Serbja. Ir-Repubblika tas-Serbja tista' tawtorizza lill-membri tat-tim biex jużaw il-forza mingħajr il-preżenza ta' gwardji tal-fruntiera jew uffiċjali oħra tal-pulizija tar-Repubblika tas-Serbja. Il-membri tat-tim jistgħu jużaw l-armi biss meta jkun assolutament meħtieġ bħala awtodifiża biex jiddefdu rwieħhom minn attakki immedjati fuq ħajjithom jew fuq ħajjet persuna oħra, f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali tar-Repubblika tas-Serbja.

7. L-awtorità kompetenti tar-Repubblika tas-Serbja tista', fuq talba, tikkomunika l-informazzjoni rilevanti li tinsab fil-bażijiet tad-data tagħha lil membri tat-tim jekk dan ikun meħtieġ biex iwettqu l-għanijiet operazzjonali spċifikati fil-pjan operazzjonali u għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet. Il-membri tat-tim jistgħu jingħataw biss dik l-informazzjoni dwar fatti rilevanti li tkun meħtieġa biex iwettqu l-kompli u jeżerċitaw is-setgħat tagħhom. L-Aġenzija tista' tikkomunika lill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tas-Serbja l-informazzjoni rilevanti li tkun meħtieġa fit-twettiq tal-għanijiet operazzjonali spċifikati fil-pjan operazzjonali u għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet.
8. Għall-finijiet li jintlaħqu l-għanijiet operazzjonali spċifikati fil-pjan operazzjonali u tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet, l-awtorità kompetenti tar-Repubblika tas-Serbja u l-membri tat-tim jistgħu jiiskambjaw informazzjoni u riżultati oħra.
9. Il-membri tat-tim msemmija fil-paragrafi 1 u 3 sa 6 ma jinkludux il-persunal tal-Aġenzija.

## ARTIKOLU 6

### Sospensjoni u terminazzjoni ta' azzjoni

1. Id-direttur eżekuttiv tal-Aġenzija jista' jissospendi jew jittermina azzjoni, wara li jkun informa lill-awtorità kompetenti tar-Repubblika tas-Serbja bil-miktub, jekk dan il-Ftehim jew il-pjan operazzjonali ma jiġix rispettat kif xieraq mir-Repubblika tas-Serbja. Id-direttur eżekuttiv għandu jinnotifika lil-awtorità kompetenti tar-Repubblika tas-Serbja dwar ir-raġunijiet għal tali sospensjoni jew terminazzjoni.

2. Ir-Repubblika tas-Serbja tista' tissospendi jew tittermiha l-azzjoni, wara li tinforma lill-Aġenzija bil-miktub, jekk dan il-Ftehim jew il-pjan operazzjonali ma jiġix implementat kif xieraq mill-Aġenzija jew minn kwalunkwe Stat Membru parteċipanti. L-awtorità kompetenti tar-Repubblika tas-Serbja għandha tinnotifika lill-Aġenzija dwar ir-raġunijiet għal tali sospensjoni jew terminazzjoni.
3. B'mod partikolari, id-direttur eżekuttiv tal-Aġenzija jew ir-Repubblika tas-Serbja jistgħu jissospendu jew jitterminaw azzjoni f'każijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali, jew ta' ksur tal-prinċipju tan-non-refoulement jew tar-regoli tal-protezzjoni tad-data.
4. It-terminazzjoni ta' azzjoni ma għandha taffettwa l-ebda dritt jew obbligu li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim jew tal-pjan operazzjonali qabel tali terminazzjoni.

## ARTIKOLU 7

### Privileġġi u immunitajiet tal-membri tat-tim

1. Id-dokumenti, il-korrispondenza u l-proprietà tal-membri tat-tim għandhom igawdu l-invjolabbiltà, ħlief fil-każ ta' miżuri ta' eżekuzzjoni li huma permessi bis-sahħha tal-paragrafu 6.
2. Il-membri tat-tim għandhom igawdu minn immunità mill-ġurisdizzjoni kriminali tar-Repubblika tas-Serbja fir-rigward tal-attivitàjet imwettqa matul il-qadi tal-funzjonijiet uffiċċiali waqt l-azzjonijiet li jsiru f'konformità mal-pjan operazzjonali, u għall-finijiet ta' tali qadi tal-funzjonijiet.

Fil-każ ta' allegazzjoni ta' reat kriminali imwettaq minn membru tat-tim, l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 13(1), għandha tinnotifika minnufih lid-direttur eżekuttiv tal-Aġenzija u lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju.

Wara kunsiderazzjoni diliġenti ta' kwalunkwe rappreżentanza tal-Istat Membru ta' domiċilju u tar-Repubblika tas-Serbja, u abbażi ta' informazzjoni mogħtija mill-Partijiet, id-direttur eżekuttiv tal-Aġenzija għandu jiċċertifika jekk l-att inkwistjoni ikunux twettaq matul il-qadi tal-funzjonijiet uffiċjali tat-tim waqt l-azzjonijiet li jkunu saru f'konformità mal-pjan operazzjonali.

Fil-każ li d-direttur eżekuttiv tal-Aġenzija jiċċertifika li l-att ikun twettaq fil-qadi tal-funzjonijiet uffiċjali tal-membru tat-tim waqt l-azzjonijiet li jsiru f'konformità mal-pjan operazzjonali, il-membru tat-tim għandu jgawdi minn immunità mill-ġurisdizzjoni kriminali tar-Repubblika tas-Serbja fir-rigward tal-atti mwettqa matul u għall-finijiet tal-qadi tal-funzjonijiet uffiċjali waqt l-azzjonijiet li jkunu saru f'konformità mal-pjan operazzjonali.

3. Il-membri tat-tim għandhom igawdu minn immunità mill-ġurisdizzjoni ċivili u amministrativa tar-Repubblika tas-Serbja fir-rigward tal-atti kollha mwettqa matul il-qadi tal-funzjonijiet uffiċjali waqt l-azzjonijiet li jkunu saru f'konformità mal-pjan operazzjonali, u għall-finijiet tagħhom.

Jekk jinfetħu proċedimenti ċivili kontra membri tat-tim quddiem kwalunkwe qorti, l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 13(1), għandha tavża minnufih lid-direttur eżekuttiv tal-Aġenzija u lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju.

Wara kunsiderazzjoni diliġenti ta' kwalunkwe rappreżentanza tal-Istat Membru ta' domiċilju u tar-Repubblika tas-Serbja, u fuq il-bażi ta' informazzjoni mogħtija miż-żewġ Partijiet, id-direttur eżekuttiv tal-Aġenzija għandu jiċċertifika jekk l-att inkwistjoni ikunx twettaq matul il-qadi tal-funzjonijiet uffiċjali tat-tim waqt l-azzjonijiet li jkunu saru f'konformità mal-pjan operazzjonali.

Fil-każ li d-direttur eżekuttiv tal-Aġenzija jiċċertifika li l-att ikun twettaq fil-qadi tal-funzjonijiet uffiċjali tal-membru tat-tim waqt l-azzjonijiet li jkunu saru f'konformità mal-pjan operazzjonali, il-membru tat-tim għandu jgawdi minn immunità mill-ġurisdizzjoni ċivili u amministrattiva tar-Repubblika tas-Serbja fir-rigward tal-atti mwettqa matul u għall-finijiet tal-qadi tal-funzjonijiet uffiċjali waqt l-azzjonijiet li jkunu saru f'konformità mal-pjan operazzjonali.

4. L-immunità tal-membri tat-timijiet mill-ġurisdizzjoni kriminali, ċivili u amministrattiva tar-Repubblika tas-Serbja f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 tista' tīgi rinunzjata mill-Istat Membru ta' domiċilju skont il-każ. Tali rinunzja trid tkun dejjem rinunzja espressa.
5. Il-membri tat-tim ma għandhomx ikunu obbligati jagħtu xhieda.

6. Fil-każ ta' dannu kkawżat minn membru tat-tim fil-qadi tal-funzjonijiet uffiċjali waqt l-azzjonijiet li jsiru f'konformità mal-pjan operazzjonali, ir-Repubblika tas-Serbja għandha tkun responsabbli għal kwalunkwe ħsara.

Fil-każ ta' dannu kkawżat minn negliġenza gravi jew kondotta skorretta volontarja jew jekk l-att ma jkunx twettaq fil-qadi ta' funzionijiet uffiċjali minn membru tat-tim minn Stat Membru parteċipanti, ir-Repubblika tas-Serbja tista' titlob, permezz tad-direttur eżekuttiv, li jitħallas kumpens mill-Istat Membru parteċipanti kkonċernat.

Fil-każ ta' dannu kkawżat minn negliġenza gravi jew kondotta skorretta volontarja jew jekk l-att ma jkunx twettaq fil-qadi ta' funzionijiet uffiċjali minn membru tat-tim li huwa membru tal-persunal tal-Aġenzija, ir-Repubblika tas-Serbja tista' titlob li l-kumpens jitħallas mill-Aġenzija.

F'każ ta' dannu kkawżat fir-Repubblika tas-Serbja, minħabba force majeure, la r-Repubblika tas-Serbja, la l-Istat Membru parteċipanti, u lanqas l-Aġenzija, ma għandu jkollhom responsabbiltà.

7. L-ebda miżura ta' eżekuzzjoni ma tista' tittieħed fir-rigward tal-membri tat-tim, ġlief fil-każ li jinbeda kontrihom proċediment kriminali jew ċivili mhux relataf mal-funzjonijiet uffiċjali tagħhom. Il-proprjetà tal-membri tat-tim, li tkun ċertifikata mid-direttur eżekuttiv tal-Aġenzija li tkun meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet uffiċjali tagħhom, għandha tkun ħielsa minn sekwestru biex tiġi ssodisfata sentenza, deċiżjoni jew ordni. Fi proċedimenti ċivili, il-membri tat-tim ma għandhomx ikunu soġġetti għal xi restrizzjoni fuq il-libertà personali tagħhom jew għal kwalunkwe miżura oħra ta' restrizzjoni.

8. L-immunità tal-membri tat-tim mill-ġurisdizzjoni tar-Repubblika tas-Serbja ma għandhiex teżentahom mill-ġurisdizzjonijiet tal-Istati Membri ta' domiċilju rispettivi tagħhom.

9. B'rabta mas-servizzi mwettqa għall-Aġenzija l-membri tat-tim għandhom ikunu eżentati mid-dispożizzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jistgħu jkunu fis-seħħ fir-Repubblika tas-Serbja.

10. Il-membri tat-tim għandhom ikunu eżentati minn kwalunkwe forma ta' tassazzjoni, fir-Repubblika tas-Serbja, fuq is-salarju u l-emolumenti mhalla lilhom mill-Aġenzija jew mill-Istati Membri ta' domiċilju kif ukoll fuq kwalunkwe introjtu li jirċievu minn barra mir-Repubblika tas-Serbja.
11. Ir-Repubblika tas-Serbja għandha, f'konformità ma' dawk il-liġijiet u r-regolamenti li tista' tadotta, tippermetti d-dħul ta' oġġetti għall-użu personali tal-membri tat-tim, u għandha tagħti eżenzjoni minn kull dazju doganali, taxxa u imposti relatati oħra ħlief għall-ħlasijiet marbuta mal-hżein, it-trasport u servizzi simili, fir-rigward ta' dawn l-oġġetti. Ir-Repubblika tas-Serbja għandha wkoll tippermetti l-esportazzjoni ta' tali oġġetti.
12. Il-bagalji personali tal-membri tat-tim jistgħu jiġu spezzjonati biss f'każ ta' bażi li jitqies li jkun fihom oġġetti li ma jkunux għall-użu personali tal-membri tat-tim, jew oġġetti li l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tagħhom tkun projbita mil-liġi jew soġġetta għar-regolamenti tal-kwarantina tar-Repubblika tas-Serbja. L-ispezzjoni ta' dawn il-bagalji personali għandha ssir biss fil-preżenza tal-membri tat-tim ikkonċernat jew ta' rappreżentant awtorizzat tal-Aġenzija.

## ARTIKOLU 8

### Dokument ta' akkreditazzjoni

1. L-Aġenzija għandha, f'kooperazzjoni mar-Repubblika tas-Serbja, toħroġ dokument fil-lingwa/i uffiċjali tar-Repubblika tas-Serbja u f'lingwa uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea lil kull membru tat-tim għall-għanijiet ta' identifikazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali tar-Repubblika tas-Serbja u bħala prova tad-drittijiet tad-detentur biex iwettaq il-kompli u jeżerċita s-setgħat imsemmija fl-Artikolu 5 u fil-pjan operazzjonali. Id-dokument għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja dwar il-membru: l-isem u n-nazzjonaliità; il-grad jew it-titlu tal-impjieg; ritratt reċenti diġitalizzat u l-kompli li huwa awtorizzat iwettaq matul l-iskjerament. Għandu jindika wkoll li d-detentur ta' dan id-dokument għandu dritt li jirrisjedi fit-territorju tar-Repubblika tas-Serbja għad-durata ta' azzjoni mingħajr proċeduri addizzjonali.
2. Id-dokument ta' akkreditazzjoni, flimkien ma' dokument tal-ivvjaġġar validu, jagħti lill-membru tat-tim aċċess għar-Repubblika tas-Serbja mingħajr il-bżonn ta' viża jew awtorizzazzjoni minn qabel.
3. Id-dokument tal-akkreditazzjoni għandu jiġi ritornat lill-Aġenzija fi tniem l-azzjoni.
4. L-Aġenzija għandha, qabel ma jibda japplika dan il-Ftehim u kull meta l-mudell tagħha jiġi modifikat, tipprovd i l-awtorità kompetenti tar-Repubblika tas-Serbja kampjun tad-dokument tal-akkreditazzjoni msemmi fil-paragrafu 1.

## ARTIKOLU 9

### Drittijiet Fundamentali

1. Fit-twettiq tal-kompiti tagħhom u meta jeżerċitaw is-setgħat tagħhom, il-membri tat-tim għandhom jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali u l-libertajiet, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-proċeduri tal-ażil, id-dinjità tal-bniedem u l-projbizzjoni tat-tortura, ta' trattament inuman jew degradanti, id-dritt għal-libertà, il-prinċipju tan-non-refoulement u l-projbizzjoni ta' espulsjonijiet kollettivi, id-drittijiet tat-tfal u d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja. Waqt it-twettiq tal-kompiti tagħhom u fl-eżerċitar tas-setgħat tagħhom ma għandhomx jiddiskriminaw kontra persuni fuq bażi ta' sess, razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età, orjentazzjoni sesswali. Kwalunkwe miżura li tinterferixxi mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali meħuda fit-twettiq tal-kompiti tagħhom u fl-eżerċitar tas-setgħat tagħhom għandha tkun proporzjonata mal-objettivi ta' tali miżura u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawn id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali.
2. Kull Parti għandha tuża mekkaniżmu eżistenti sabiex tittratta allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali mwettaq mill-persunal tagħha fil-qadi tal-funzjonijiet uffiċċiali tagħhom matul azzjoni mwettqa skont dan il-Ftehim.

## ARTIKOLU 10

### IPPROĊESSAR TA' DATA PERSONALI

1. L-ipproċessar ta# data personali għandu jsir biss meta jkun meħtieġ għall-implementazzjoni ta' dan il-Ftehim mir-Repubblika tas-Serbja, mill-Aġenzija jew mill-Istati Membri parteċipanti.
2. L-ipproċessar ta' data personali mil-awtorità kompetenti tar-Repubblika tas-Serbja għandu jkun soġġett għal liġijiet nazzjonali tagħha.

3. L-iproċċessar ta' data personali għal finijiet amministrattivi mill-Aġenzija u mill-Istat Membru jew Stati Membri parteċipanti, inkluż f'każ ta' trasferiment ta' data personali lejn ir-Repubblika tas-Serbja, għandu jkun soġġett għar-Regolament(UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiziċċi fir-rigward tal-iproċċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċċi u aġenzi tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE<sup>1</sup>; għar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiziċċi fir-rigward tal-iproċċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)<sup>2</sup>; għad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiziċċi fir-rigward tal-iproċċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekkuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tkhassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI<sup>3</sup>; u għall-miżuri adottati mill-Aġenzija għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-iproċċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data<sup>4</sup>, kif imsemmi fl-Artikolu 45(2) tar-Regolament (UE) Nru 2016/1624.

---

<sup>1</sup> ġu L 295, 21.11.2018, p. 39.

<sup>2</sup> ġu L 119, 4.5.2016, p. 1.

<sup>3</sup> ġu L 119, 4.5.2016, p. 89.

<sup>4</sup> ġu L 8, 12.1.2001, p. 1 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 13 Volum 026 P. 102).

4. F'każ li l-ipproċessar ikun jinvolvi trasferiment ta' data personali, l-Istati Membri u l-Aġenzija għandhom jindikaw, fil-mument tat-trasferiment tad-data personali lil-awtorità kompetenti tar-Repubblika tas-Serbja, kwalunkwe restrizzjoni fuq l-aċċess tagħha jew l-użu tagħha, f'termini ġenerali jew speċifiċi, inkluż għat-trasferiment, it-tħassir jew il-qerda tagħha. Fejn il-ħtieġa għal tali restrizzjonijiet issir ċara wara t-trasferiment tad-data personali, dawn għandhom jinformaw lil-awtorità kompetenti tar-Repubblika tas-Serbja dwar dan.

5. Id-data personali miġbura u pproċessata ulterjorment għal għanijiet amministrattivi matul azzjoni tista' tiġi pproċessata mill-Aġenzija, mill-Istati Membri parteċipanti u mill-awtorità kompetenti tar-Repubblika tas-Serbja f'konformità mal-leġislazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data.

Għall-fini tal-implementazzjoni ta' dan il-Ftehim l-awtorità kompetenti tar-Repubblika tas-Serbja għandha żżomm rekord tad-data personali miġbura u pproċessata ulterjorment skont dan l-Artikolu. Id-data koperta minn dan ir-rekord għandha tkun: l-isem u l-kunjom, id-data tat-twelid, il-post tat-twelid, il-pajjiżi tal-oriġini, in-numru u t-tip tal-personal u dokumenti oħra, il-post u l-ħin tal-ipproċessar tad-data u r-raġuni għall-ġbir u l-ipproċessar tad-data.

Id-data miżmuma f'dan ir-rekord għandha tinżamm għal tliet snin mid-data ta' meta tinġabar.

6. L-Aġenzija, l-Istati Membri parteċipanti u r-Repubblika tas-Serbja għandhom iħejju rapport komuni dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 5 fi tmiem kull azzjoni. Dan ir-rapport għandu jintbagħat lill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tas-Serbja, lill-uffiċjal tad-drittijiet fundamentali tal-Aġenzija u lill-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data tal-Aġenzija. L-uffiċjal tad-drittijiet fundamentali tal-Aġenzija u l-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data tal-Aġenzija għandhom jirrapportaw għand id-direttur eżekkutiv tal-Aġenzija.

## ARTIKOLU 11

### Tilwim u interpretazzjoni

1. Il-kwistjonijiet kollha li jirriżultaw f'konnessjoni mal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu eżaminati b'mod konġunt mill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tas-Serbja u mir-rappreżentanti tal-Aġenzija.
2. Fin-nuqqas ta' riżoluzzjoni minn qabel, it-tilwim dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandu jiġi riżolt biss permezz ta' negozjati bejn l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tas-Serbja u l-Kummissjoni Ewropea.
3. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2, l-Aġenzija u l-Kummissjoni Ewropea għandhom jibqgħu f'kuntatt kostanti mal-Istat Membru jew Stati Membri bi fruntiera maż-żona operazzjonali.

## ARTIKOLU 12

### Rabta ma' obbligi internazzjonali oħra

Dan il-Ftehim għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi li jkunu daħlu għalihom ir-Repubblika tas-Serbja u l-Unjoni Ewropea abbażi ta' trattati u ftehimiet internazzjonali f'konformità mal-prinċipji tal-liġi internazzjonali aċċettati b'mod ġenerali u għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tagħhom.

## **ARTIKOLU 13**

### **Awtoritajiet kompetenti**

1. L-awtorità kompetenti għall-implementazzjoni ta' dan il-Ftehim fir-Repubblika tas-Serbja għandha tkun il-Ministeru responsabbli mill-Affarijiet Interni.
2. L-awtorità kompetenti tal-Unjoni Ewropea għall-implementazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha tkun l-Aġenzija.

## **ARTIKOLU 14**

### **Dħul fis-seħħħ, durata, sospensjoni u terminazzjoni**

1. Il-Ftehim għandu jiġi approvat mill-Partijiet skont il-proċeduri legali interni tagħhom.
2. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar ta' wara d-data meta l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin li lestew il-proċeduri legali interni tagħhom imsemmijin fil-paragrafu 1.
3. Dan il-Ftehim jista' jiġi sospiż jew itterminat permezz ta' ftehim bil-miktub bejn il-Partijiet jew b'mod unilaterali minn xi waħda mill-Partijiet. F'dan l-aħħar każ, il-Parti li jkollha l-intenzjoni tissospendi jew tittermina dan il-Ftehim għandha tinnotifika bil-miktub lill-Parti l-oħra b'dan b'mezzi diplomatiċi.

Is-sospensjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għaxar jum wara li tiġi rċevuta n-notifika.

It-terminazzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni x-xahar ta' wara dak meta tingħata n-notifika.

4. In-notifikasi li jsiru skont dan l-Artikolu għandhom jintbagħtu, fil-każ tal-Unjoni Ewropea, lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u, fil-każ tar-Repubblika tas-Serbja, lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tar-Repubblika tas-Serbja.

## ARTIKOLU 15

### Lingwi

Dan il-Ftehim għandu jitfassal f'kopja ddupplikata bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, , bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bin-Netherlandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bit-Taljan, bl-Ungeriż, bl-Iżvediż u bis-Serb, u kull test għandu l-istess awtentiċità.

Għall-Unjoni Ewropea ...

Għar-Repubblika tas-Serbja ...

## DIKJARAZZJONI KONĠUNTA LI TIRRIGWARDA L-ARTIKOLU 2(b)

Il-Partijiet jieħdu nota li l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ser tappoġġa lir-Repubblika tas-Serba biex tikkontrolla b'mod effiċjenti l-fruntiera tagħha ma' kwalunkwe pajjiż li mhuwiex membru tal-Unjoni Ewropea b'meżżi li ma jinkludux l-iskjerament ta' timijiet Ewropej ta' Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta b'setgħat eżekkutti.

### DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR L-ISTATUS U D-DELIMITAZZJONI TAT-TERRITORJI

L-istatus u d-delimitazzjoni skont il-liġi internazzjonali fit-territorju tas-Serba u l-Istati Membri ma huma affettwati bl-ebda mod la minn dan il-Ftehim u lanqas minn xi att imwettaq fl-implementazzjoni tiegħu mill-Partijiet jew f'isimhom, inkluż l-istabbiliment ta' pjanijiet operazzjonali jew il-parteċipazzjoni f'operazzjonijiet transfruntiera.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA FIR-RIGWARD  
TAL-IŻLANDA, IN-NORVEĠJA, L-IŻVIZZERA U L-LIECHTENSTEIN

Il-Partijiet jieħdu nota tar-relazzjoni mill-qrib bejn l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, b'mod partikolari bis-saħħha tal-Ftehimiet tat-18 ta' Mejju 1999 u tas-26 ta' Ottubru 2004 dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk il-pajjiżi mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen.

F'tali ċirkostanzi huwa mixtieq li l-awtoritajiet tan-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, minn naħa waħda, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra, jikkonkludu, mingħajr dewmien, ftehimiet bilaterali dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja b'termini simili għal dawk ta' dan il-Ftehim.

---